**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0382/2023**

30.11.2023

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020
(COM(2023)0178 – C9-0120/2023 – 2023/0090(COD))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Tom Vandenkendelaere

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta’ konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta’ approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta’ proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta’ att.)

## *Emendi għal abbozz ta’ att*

**Emendi tal-Parlament f’żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta’ kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta’ att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta’ att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba’ linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f’dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta’ test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta’ natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..........5

NOTA SPJEGATTIVA..........34

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM..........36

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI..........37

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.......38

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020
(COM(2023)0178 – C9-0120/2023 – 2023/0090(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0178),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0120/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0382/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C xxx, xx;xx;xxxx, p. x.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Makkinarju mobbli awtopropulsiv, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], li jkun iddisinjat jew mibni bl-iskop li jwettaq xogħol ("makkinarju mobbli mhux tat-triq") jista' jkun li jkollu bżonn, okkażjonalment jew spiss, li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi, l-aktar biex jiċċaqlaq minn post tax-xogħol għal ieħor. | (1) Makkinarju mobbli awtopropulsiv, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], li jkun iddisinjat jew mibni bl-iskop li jwettaq xogħol**,** ("makkinarju mobbli mhux tat-triq") ***jew tagħmir irmunkat, li mhuwiex diġà kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew tar-Regolament (UE) 2018/858,*** jista' jkun li jkollu bżonn, okkażjonalment jew spiss, li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi, l-aktar biex jiċċaqlaq minn post tax-xogħol għal ieħor. |
| [23] Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24). | [23] Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24). |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Għall-finijiet tal-iżvilupp u l-operat tas-suq intern tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi stabbilita sistema armonizzata tal-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza fit-toroq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi. | (5) Għall-finijiet tal-iżvilupp u l-operat tas-suq intern tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi stabbilita sistema armonizzata tal-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza fit-toroq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub ***b'mod ċar*** biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jindirizza r-riskji assoċjati maċ-ċirkolazzjoni maħsuba tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq fit-toroq pubbliċi. Għaldaqstant, il-makkinarju mobbli mhux tat-triq li, fil-prattika, x'aktarx li ma jkunx se jiċċirkola fit-toroq pubbliċi jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Minħabba l-iskop ta' dan ir-Regolament li jindirizza ċ-ċirkolazzjoni fit-toroq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq iddisinjat u mibni biex iwettaq xogħol, u mhux għat-trasport tal-ħaddiema, makkinarju mobbli li jkun mgħammar b'aktar minn tliet pożizzjonijiet bilqiegħda, inkluża l-pożizzjoni bilqiegħda tas-sewwieq, jenħtieġ li jiġi eskluż ukoll minn dan ir-Regolament. | (7) Minħabba l-iskop ta' dan ir-Regolament li jindirizza ċ-ċirkolazzjoni fit-toroq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq iddisinjat u mibni biex iwettaq xogħol, u mhux għat-trasport tal-ħaddiema, makkinarju mobbli li jkun mgħammar b'aktar minn tliet pożizzjonijiet bilqiegħda ***waqt iċ-ċirkolazzjoni fit-toroq pubbliċi***, inkluża l-pożizzjoni bilqiegħda tas-sewwieq, jenħtieġ li jiġi eskluż ukoll minn dan ir-Regolament. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri biss il-makkinarju mobbli mhux tat-triq li jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba u jkun jew makkinarju*** |

***mobbli mhux tat-triq ġdid magħmul minn manifattur stabbilit fl-Unjoni inkella makkinarju mobbli mhux tat-triq, kemm jekk ġdid jew diġà użat, importat minn pajjiż terz.***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi indipendentement minn kif jitħaddem u, għalhekk jenħtieġ li japplika wkoll għal makkinarju elettriku u ibridu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tas-sikurezza elettrika relatati mal-vetturi elettriċi stipulati mir-Regolament (UE) 2023/1230 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7c) It-testijiet fuq il-post jippermettu li l-makkinarju jiġi ttestjat f'sitwazzjonijiet tal-ħajja reali, bħal f'artijiet agrikoli jew f'siti tal-kostruzzjoni xierqa, qabel ma jiġi introdott b'mod wiesa', u b'hekk ikun jista' jsir titjib aktar mgħaġġel u aħjar. Sabiex il-manifatturi jwettqu testijiet fuq il-post, li jkunu inerenti għall-proċess tal-iżvilupp tal-magni, jenħtieġ li jkun permess it-tqegħid temporanju fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkun għad ma għandux approvazzjoni tat-tip tal-UE. Skont dan, it-tqegħid temporanju*** |

***fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq għall-finijiet ta' ttestjar fuq il-post tal-prototipi jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u tali tqegħid temporanju fis-suq jenħtieġ li jkun permess.***

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Approvazzjonijiet individwali jistgħu jkunu ta' użu għal makkinarju li jkun qed jiċċirkola fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss u, għalhekk, tali approvazzjonijiet jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | (9) Approvazzjonijiet individwali jistgħu jkunu ta' użu għal makkinarju li jkun qed jiċċirkola fit-territorju ta' Stat Membru wieħed biss u, għalhekk, tali approvazzjonijiet jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Dawn l-approvazzjonijiet individwali jenħtieġ li jingħataw f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Minħabba li l-intrapriżi żgħar u medji jipproduċu makkinarju mobbli mhux tat-triq f'serje żgħira, li minnhom l-għadd ta' unitajiet imqiegħda fis-suq, irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz ma jaqbiżx, kull sena u f'kull Stat Membru, ***50*** unità għal dak it-tip, huwa xieraq li tkun permessa approvazzjoni tat-tip nazzjonali f'serje żgħira u, għalhekk, jenħtieġ li ***jiġi eskluż*** mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-manifattur ***għandu*** jkun jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex jibbenefika mill-moviment liberu. | (10) Minħabba li l-intrapriżi żgħar u medji jipproduċu makkinarju mobbli mhux tat-triq f'serje żgħira, li minnhom l-għadd ta' unitajiet imqiegħda fis-suq, irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz ma jaqbiżx, kull sena u f'kull Stat Membru, ***80*** unità għal dak it-tip, huwa xieraq li tkun permessa approvazzjoni tat-tip nazzjonali f'serje żgħira u, għalhekk, ***tali approvazzjoni tat-tip*** jenħtieġ li ***tiġi eskluża*** mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-manifattur ***jenħtieġ li*** jkun jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex jibbenefika mill-moviment liberu. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Minħabba li, f'ċerti każijiet, il-makkinarju mobbli mhux tat-triq, minħabba d-dimensjonijiet eċċessivi tiegħu, ma jippermettix ***manuvrabilità*** suffiċjenti fit-toroq pubbliċi jew, minħabba ***l-piż*** jew ***il-mases eċċessivi*** tiegħu, jista' jagħmel ħsara ***lill-wiċċ*** tat-toroq pubbliċi jew infrastruttura oħra tat-toroq, huwa xieraq li tiġi pprovduta d-diskrezzjoni lill-Istati Membri li jipprojbixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' tali makkinarju, anki jekk dan ikun ġie approvat skont it-tip f'konformità ma' dan ir-Regolament. | (11) Minħabba li, f'ċerti każijiet, il-makkinarju mobbli mhux tat-triq, minħabba d-dimensjonijiet eċċessivi tiegħu, ma jippermettix ***manuvrabbiltà*** suffiċjenti fit-toroq pubbliċi jew, minħabba ***l-mases eċċessivi, it-tagħbijiet fuq il-fusien*** jew ***il-pressjoni ta' kuntatt mal-art*** tiegħu, jista' jagħmel ħsara ***lis-superfiċje*** tat-toroq pubbliċi jew infrastruttura oħra tat-toroq, huwa xieraq li tiġi pprovduta d-diskrezzjoni lill-Istati Membri li jipprojbixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' tali makkinarju, anki jekk dan ikun ġie approvat skont it-tip f'konformità ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-proċedura għall-monitoraġġ tal-konformità tal-produzzjoni, li hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, tkun ġiet implimentata b'mod korrett u tkun qed tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li l-manifatturi jiġu vverifikati regolarment mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kwalifikat kif xieraq maħtur għal dak l-iskop. | (15) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-proċedura għall-monitoraġġ tal-konformità tal-produzzjoni, li hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, tkun ġiet implimentata b'mod korrett u tkun qed tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li l-manifatturi jiġu vverifikati regolarment mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kwalifikat kif xieraq**,** maħtur għal dak l-iskop. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq ikollhom ir-riżorsi meħtieġa, bħal riżorsi baġitarji, umani u materjali suffiċjenti, inkluż għadd suffiċjenti ta' persunal kompetenti, għarfien espert, proċeduri u*** |

| | |
|---|---|
| | ***arranġamenti oħra għat-twettiq ta' dmirijiethom b'mod xieraq.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll l-operaturi ekonomiċi, ikunu jistgħu jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni li taqa' wara d-data tad-dħul fis-seħħ. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni li jippermetti lill-manifatturi, matul dak il-perjodu, jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u jibbenefikaw mill-moviment liberu jew li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip. | (22) Sabiex l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll l-operaturi ekonomiċi, ikunu jistgħu jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni li taqa' wara d-data tad-dħul fis-seħħ. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni li jippermetti lill-manifatturi, matul dak il-perjodu, jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u jibbenefikaw mill-moviment liberu jew li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip. ***Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' biss ikun ta' benefiċċju bil-kundizzjoni preliminari li r-rekwiżiti tal-Unjoni ma jsirux obbligatorji fil-livell nazzjonali qabel ma jagħlaq il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip u sabiex jiġi evitat piż sproporzjonat fuq l-awtoritajiet nazzjonali, is-servizzi tekniċi u l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u approvat skont it-tip f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti applikabbli qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Dan ir-Regolament japplika għal tagħmir irmunkat, meta jitqiegħed fis-suq u jkun maħsub biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi, biss sal-limitu li dak it-tagħmir ma jkunx diġà kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 167/2013, ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 jew ir-Regolament (UE) 2018/858.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) makkinarju mobbli mhux tat-triq mgħammar b'aktar minn tliet pożizzjonijiet bilqiegħda, inkluża l-pożizzjoni bilqiegħda tas-sewwieq; | (b) makkinarju mobbli mhux tat-triq mgħammar b'aktar minn tliet pożizzjonijiet bilqiegħda ***meta dan ikun qed jiċċirkola fit-toroq pubbliċi***, inkluża l-pożizzjoni bilqiegħda tas-sewwieq; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub mill-manifattur biex iwettaq testijiet fuq il-post, li jkunu inerenti għall-proċess tal-iżvilupp tal-magni.*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fir-rigward tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq taħt approvazzjoni individwali, il-manifattur jista', meta xieraq, jagħżel li japplika għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser kwalunkwe makkinarju mobbli awtopropulsiv***,*** li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE, li huwa ddisinjat jew mibni bl-iskop li jwettaq xogħol***;*** | (1) "makkinarju mobbli mhux tat-triq" tfisser kwalunkwe makkinarju mobbli awtopropulsiv ***mgħammar b'mezz ta' trażmissjoni ta' potenza*** li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE, li huwa ddisinjat jew mibni bl-iskop li jwettaq xogħol ***jew li jista' jkollu bżonn, kemm jekk okkażjonalment jew regolarment, jiċċirkola fit-toroq pubbliċi.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "makkinarju mobbli mhux tat-triq prodott f'serje żgħira" tfisser l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' tip ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li l-għadd ta' unitajiet tiegħu li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz ma jistax jaqbeż, kull sena u f'kull Stat Membru, ***50*** unità għal dak it-tip; | (3) "makkinarju mobbli mhux tat-triq prodott f'serje żgħira" tfisser l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' tip ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li l-għadd ta' unitajiet tiegħu li jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz ma jistax jaqbeż, kull sena u f'kull Stat Membru, ***80*** unità għal dak it-tip; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) “tip ta’ makkinarju mobbli mhux tat-triq” tfisser ***kategorija jew klassi partikolari ta’*** makkinarju mobbli mhux tat-triq, inklużi varjanti u verżjonijiet ta’ varjanti ta’ dak il-makkinarju, li jikkondividi mill-inqas l-aspetti essenzjali li ġejjin: | (23) “tip ta’ makkinarju mobbli mhux tat-triq” tfisser makkinarju mobbli mhux tat-triq, inklużi varjanti u verżjonijiet ta’ varjanti ta’ dak il-makkinarju, li jikkondividi mill-inqas l-aspetti essenzjali li ġejjin: |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) il-kategorija jew il-klassi,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) ix-xażi tas-sinsla/ix-xażi bil-ġnieb/ix-xażi artikulat (differenzi ovvji u fundamentali),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) il-fusien (numru) jew il-binarji (numru),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) fil-każ ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq mibni f'diversi stadji, il-manifattur u t-tip tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq fi stadju preċedenti;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-magna*** (b'kombustjoni interna/ibrida/elettrika/***ibrida-elettrika***), | (c) ***it-trażmissjoni ta' potenza*** (b'kombustjoni interna/ibrida/elettrika/***ibridaelettrika***), |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) differenza fil-potenza ta' mhux aktar minn 30 % (bl-ogħla potenza ma tisboqx l-inqas potenza b'1,3 darbiet),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) differenza fiċ-ċilindrata ta' mhux aktar minn 20 % (bl-ogħla ċifra ma tisboqx l-inqas ċifra b'1,2 darbiet),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) fusien manuvrabbli (numru u pożizzjoni),*** | ***imħassar*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(j) il-massa b'tagħbija massima ma jvarjax b'aktar minn 10 %,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – punt l**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(l) l-istruttura ta' protezzjoni kontra l-qlib,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(m) il-fusien ibbrejkjati (numru);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) "makkinarju mobbli mhux tat-triq li jippreżenta riskju serju" tfisser makkinarju mobbli mhux tat-triq li, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis in-natura tal-periklu u l-probabbiltà tal-okkorrenza tiegħu, jippreżenta riskju serju b'rabta ***mal-aspetti*** koperti minn dan ir-Regolament; | (29) "makkinarju mobbli mhux tat-triq li jippreżenta riskju serju" tfisser makkinarju mobbli mhux tat-triq li, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis in-natura tal-periklu u l-probabbiltà tal-okkorrenza tiegħu, jippreżenta riskju serju b'rabta ***maċ-ċirkolazzjoni sikura tiegħu fit-toroq pubbliċi u ma' aspetti oħra*** koperti minn dan ir-Regolament; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq ikollhom ir-riżorsi meħtieġa għat-twettiq xieraq ta' dmirijiethom.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) minħabba l-piż jew il-mases eċċessivi tiegħu, il-makkinarju jista' jagħmel ħsara ***lis-superfiċe*** ta' toroq | (b) minħabba l-piż jew il-mases***, it-tagħbijiet fuq il-fusien u l-pressjoni ta' kuntatt mal-art*** eċċessivi tiegħu, il- |

| | |
|---|---|
| pubbliċi jew lil infrastruttura oħra tat-toroq. | makkinarju jista' jagħmel ħsara ***lis-superfiċje*** ta' toroq pubbliċi jew lil infrastruttura oħra tat-toroq***, sakemm, sabiex tiġi limitata jew ipprojbita ċ-ċirkolazzjoni fuq it-toroq pubbliċi, wieħed minn dawn il-parametri ma jkunx aktar baxx mill-valur limitu stabbilit mill-Istati Membri***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex tissupplimenta dan ir-Regolament li jistabbilixxi l-valuri ta' limitu, inkluż għall-massa b'tagħbija massima tal-makkinarju ***fit-triq***, li lil hinn minnha d-dimensjonijiet, il-piż u l-mases tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq jitqiesu bħala eċċessivi skont it-tifsira tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Dawn l-atti delegati jistgħu jistabbilixxu l-kategoriji jew il-klassijiet ta' makkinarju mhux tat-triq ikkonċernat. | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex tissupplimenta dan ir-Regolament li jistabbilixxi l-valuri ta' limitu, inkluż għall-massa b'tagħbija massima tal-makkinarju ***fuq it-triq***, li lil hinn minnha d-dimensjonijiet, il-piż u l-mases***, it-tagħbijiet fuq il-fusien u l-pressjoni ta' kuntatt mal-art*** tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq jitqiesu bħala eċċessivi skont it-tifsira tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Dawn l-atti delegati jistgħu jistabbilixxu l-kategoriji jew il-klassijiet ta' makkinarju mhux tat-triq ikkonċernat. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, u l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati, fuq il-makkinarju mobbli mhux tat-triq tagħhom jew, fejn dan ma jkunx possibbli, ***fuq l-imballaġġ tiegħu jew*** f'dokument li jakkumpanja dak | 4. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, u l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati, fuq il-makkinarju mobbli mhux tat-triq tagħhom jew, fejn dan ma jkunx possibbli, f'dokument li jakkumpanja dak il-makkinarju. L-indirizz |

| | |
|---|---|
| il-makkinarju. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. | għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-manifatturi li jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkunu għamlu disponibbli fis-suq ***ma huwiex*** konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih biex dak il-makkinarju mobbli mhux tat-triq jinġieb f'konformità, biex jirtirawh jew ***isejħuh*** lura mis-suq, kif xieraq. | Il-manifatturi li jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li makkinarju mobbli mhux tat-triq ***approvat skont it-tip*** li jkunu għamlu disponibbli fis-suq ***mhuwiex*** konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa minnufih biex dak il-makkinarju mobbli mhux tat-triq jinġieb f'konformità, biex jirtirawh jew ***jissejjaħ*** lura mis-suq, kif xieraq ***u jinnotifikaw lill-utent b'dak in-nuqqas ta' konformità***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi li jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkunu għamlu disponibbli fis-suq jippreżenta riskju serju għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom il-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikun sar disponibbli fis-suq għal dak il-għan, filwaqt li jagħtu dettalji dwar in-nuqqas ta' konformità u kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. | 2. Il-manifatturi li jkollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li makkinarju mobbli mhux tat-triq li jkunu għamlu disponibbli fis-suq jippreżenta riskju serju għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom il-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikun sar disponibbli fis-suq għal dak il-għan, filwaqt li jagħtu dettalji dwar in-nuqqas ta' konformità u kwalunkwe miżura korrettiva meħuda. ***Il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-utenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***permezz ta' mezzi xierqa.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fil-każ ta' lment issostanzjat, il-manifatturi għandhom jinformaw lid-distributuri u lill-importaturi tagħhom dwar dan. | Fil-każ ta' lment issostanzjat, il-manifatturi għandhom***, mill-aktar fis possibbli,*** jinformaw lid-distributuri u lill-importaturi tagħhom dwar dan. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) wara talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq; | (b) wara talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq ***approvat skont it-tip f'konformità ma' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 dwar regoli dettaljati ***dwar*** ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-elementi li ġejjin: | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 dwar regoli dettaljati***, mhux diskriminatorji rigward*** ir-rekwiżiti ***relatati mar-riskji għaċ-ċirkolazzjoni fit-toroq pubbliċi*** stabbiliti fil-paragrafu 1 għall-elementi li ġejjin: |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-integrità tal-istruttura tal-vettura;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (p) il-mases, inkluża l-massa b'tagħbija massima ***fit-triq***; | (p) il-mases, inkluża l-massa b'tagħbija massima ***teknikament permissibbli fuq it-triq***; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(w) il-manwal tal-operatur għall-użu fit-triq;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (y) ***l-informazzjoni,*** it-twissijiet u ***marki fit-triq***. | (y) it-twissijiet u ***l-markaturi għat-tidwil u għall-installazzjonijiet tat-tidwil***. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu ***għandhom*** jispeċifikaw il-klassijiet jew il-kategoriji kkonċernati mir-regoli dettaljati u jistgħu jipprovdu regoli dettaljati differenti għal klassijiet jew kategoriji differenti ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq. | L-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu ***jistgħu*** jispeċifikaw il-klassijiet jew il-kategoriji kkonċernati mir-regoli dettaljati u jistgħu jipprovdu regoli dettaljati differenti għal klassijiet jew kategoriji differenti ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta tadotta l-atti delegati msemmija fil-[paragrafu 2], il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rekwiżiti stipulati f'dawk l-atti delegati jkunu allinjati u konsistenti mar-rekwiżiti applikabbli għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, u komplementari għalihom, skont atti oħra tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2023/1230.*** <br> ***Fit-tħejjija ta' dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Article 16 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-makkinarju mobbli mhux tat-triq ma għandux jitqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, jiġi rreġistrat jew ***imdaħħal*** fis-servizz, sakemm ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament. | 1. Il-makkinarju mobbli mhux tat-triq ***maħsub biex jiċċirkola fit-toroq pubbliċi*** ma għandux jitqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, jiġi rreġistrat jew ***jiddaħħal*** fis-servizz, sakemm ma jkunx konformi ma' |

| | |
|---|---|
| | dan ir-Regolament. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***id-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti; | (c) ***kopja tad-dikjarazzjoni*** ta' konformità tal-UE prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) indiċi li jelenka l-kontenut tal-pakkett ta' informazzjoni, innumerat b'mod adegwat ***jew immarkat mod ieħor sabiex jidentifika b'mod ċar il-paġni kollha*** u ***l-format ta' kull dokument sabiex*** jippreżenta rekord tal-passi suċċessivi fil-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'mod partikolari d-dati tar-reviżjonijiet u tal-aġġornamenti. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha żżomm l-informazzjoni li jkun fih il-pakkett ta' informazzjoni disponibbli għal perjodu ta' 10 snin wara t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni kkonċernata. | (b) indiċi li jelenka l-kontenut tal-pakkett ta' informazzjoni, innumerat b'mod adegwat u ***li*** jippreżenta rekord tal-passi suċċessivi fil-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'mod partikolari d-dati tar-reviżjonijiet u tal-aġġornamenti. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha żżomm l-informazzjoni li jkun fih il-pakkett ta' informazzjoni disponibbli għal perjodu ta' 10 snin wara t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni kkonċernata. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Awtorità tal-approvazzjoni li tagħti | 1. Awtorità tal-approvazzjoni li tagħti |

| | |
|---|---|
| approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika, ***jekk ikun meħtieġ b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet*** tal-approvazzjoni ***tal-Istati Membri l-oħrajn***, li jkunu saru arranġamenti ta' produzzjoni adegwati biex jiġi żgurat li l-makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-produzzjoni jikkonforma mat-tip approvat u mal-pjanijiet ta' kontroll iddokumentati, li għandhom jiġu miftiehma mad-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal kull approvazzjoni. | approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika, ***direttament jew abbażi tal-verifika li diġà tkun twettqet mill-awtorità*** tal-approvazzjoni ***ta' Stat Membru ieħor***, li jkunu saru arranġamenti ta' produzzjoni adegwati biex jiġi żgurat li l-makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-produzzjoni jikkonforma mat-tip approvat u mal-pjanijiet ta' kontroll iddokumentati, li għandhom jiġu miftiehma mad-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal kull approvazzjoni. |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa b'rabta ma' dik l-approvazzjoni biex tivverifika, ***jekk ikun meħtieġ b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet*** tal-approvazzjoni ***tal-Istati Membri l-oħrajn***, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jibqgħu adegwati sabiex il-makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-produzzjoni jkompli jikkonforma mat-tip approvat u li ċ-ċertifikati ta' konformità jkomplu jikkonformaw mal-Artikolu 27. | 3. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa b'rabta ma' dik l-approvazzjoni biex tivverifika, ***direttament jew abbażi ta' verifika li diġà tkun twettqet mill-awtorità*** tal-approvazzjoni ***ta' Stat Membru ieħor***, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jibqgħu adegwati sabiex il-makkinarju mobbli mhux tat-triq fil-produzzjoni jkompli jikkonforma mat-tip approvat u li ċ-ċertifikati ta' konformità jkomplu jikkonformaw mal-Artikolu 27. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***taddotta*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 dwar l-arranġamenti dettaljati fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni. | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li ***tadotta*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 dwar l-arranġamenti dettaljati fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni***, pereżempju*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-kundizzjonijiet dettaljati li skonthom l-awtoritajiet tal-approvazzjoni ma jistgħux jirrifjutaw il-verifika li diġà tkun twettqet mill-awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor***. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, fil-każ ***tal-punt*** (b) ***tal-ewwel subparagrafu***, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u ċ-ċertifikat rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom isiru invalidi ***18-il*** xahar wara d-data tal-applikabbiltà tar-rekwiżiti l-ġodda msemmija ***fil-punt*** (b) ***tal-ewwel subparagrafu***. | Madankollu, fil-każ ***tal-ewwel subparagrafu, il-punt*** (b), l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u ċ-ċertifikat rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ***għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq*** għandhom isiru invalidi ***24*** xahar wara d-data tal-applikabbiltà tar-rekwiżiti l-ġodda msemmija ***fl-ewwel subparagrafu, il-punt*** (b). |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 għandha tispeċifika, b'mod partikolari, id-data tal-produzzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni ***tal-vettura*** tal-aħħar makkinarju mobbli mhux tat-triq prodott. | 7. Il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 għandha tispeċifika, b'mod partikolari, id-data tal-produzzjoni u n-numru ***uniku*** ta' identifikazzjoni tal-aħħar makkinarju mobbli mhux tat-triq prodott. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 28 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-manifattur ***ta' makkinarju*** | 1. Il-manifattur għandu jwaħħal |

| | |
|---|---|
| ***mobbli mhux tat-triq*** għandu jwaħħal pjanċa statutorja b'markatura ma' kull makkinarju mobbli mhux tat-triq manifatturat f'konformità mat-tip approvat. | pjanċa statutorja b'markatura ma' kull makkinarju mobbli mhux tat-triq manifatturat f'konformità mat-tip approvat. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta, wara li tkun wettqet l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 31, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li makkinarju mobbli mhux tat-triq jippreżenta riskju serju, hija għandha ***tesiġi*** mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha mingħajr dewmien biex jiġi żgurat li l-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat ma għadux jippreżenta dak ir-riskju. | 1. Meta, wara li tkun wettqet l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 31, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li makkinarju mobbli mhux tat-triq jippreżenta riskju serju ***jew ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament***, hija għandha ***teżiġi*** mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha mingħajr dewmien biex jiġi żgurat li l-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat ma għadux jippreżenta dak ir-riskju ***jew jinġieb konformi. Dan il-perjodu għandu jkun proporzjonat għall-gravità tar-riskju jew tan-nuqqas ta' konformità.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Meta, wara li tkun wettqet l-evalwazzjoni skont l-Artikolu 31, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li makkinarju mobbli mhux tat-triq ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament u li ma jippreżentax riskju serju kif imsemmi fil-paragrafu 1, dik l-awtorità għandha tesiġi mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi xierqa kollha f'perjodu raġonevoli sabiex dak il-makkinarju*** | ***imħassar*** |

***jinġieb f'konformità. Dak il-perjodu għandu jkun proporzjonat mas-serjetà tan-nuqqas ta' konformità.***

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 32 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta l-operaturi ekonomiċi ma ***jeħdux*** miżuri korrettivi xierqa fil-perjodu ***rilevanti msemmi fil-paragrafu 1 jew 2*** jew meta r-riskju jkun jeħtieġ azzjoni rapida, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri restrittivi provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni, inkluża projbizzjoni miċ-ċirkolazzjoni fit-toroq pubbliċi, jew id-dħul fis-servizz tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, fis-suq nazzjonali tagħhom, jew biex jirtiraw tali makkinarju minn dak is-suq jew biex ***isejħuh*** lura. | 4. Meta l-operaturi ekonomiċi ma ***jiħdux*** miżuri korrettivi xierqa fil-perjodu ***meħtieġ*** jew meta r-riskju jkun jeħtieġ azzjoni rapida, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri restrittivi provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni, inkluża projbizzjoni miċ-ċirkolazzjoni fit-toroq pubbliċi, jew id-dħul fis-servizz tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, fis-suq nazzjonali tagħhom, jew biex jirtiraw tali makkinarju minn dak is-suq jew biex ***jissejjaħ*** lura. |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq li tieħu miżuri korrettivi jew restrittivi f'konformità mal-Artikolu 32 għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn mingħajr dewmien, permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Hija għandha wkoll tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħha. Fil-każijiet ta' makkinarju mhux tat-triq li jippreżenta riskju serju, il-miżuri ***korrettivi jew restrittivi*** għandhom jiġu nnotifikati wkoll permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni Rapida (RAPEX) imsemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. | Hija għandha wkoll tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħha. Fil-każijiet ta' makkinarju mhux tat-triq li jippreżenta riskju serju, ***dawk*** il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati wkoll permezz tas-Sistema ta' Skambju ta' Informazzjoni Rapida (RAPEX) imsemmija fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]. |
| [31] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4). | [31] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4). |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, inkluża d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, l-oriġini ***tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq***, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità jew ir-riskju involut, in-natura u ***t-tul*** tal-miżuri ***korrettivi u restrittivi*** nazzjonali meħuda, u l-argumenti mressqa, meta ***dawk l-argumenti jitressqu*** mill-operatur ekonomiku rilevanti. | L-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, inkluża d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, l-oriġini ***tiegħu***, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità jew ir-riskju involut, in-natura u ***d-durata*** tal-miżuri nazzjonali meħuda, u l-argumenti mressqa, meta ***jitressqu tali argumenti,*** mill-operatur ekonomiku rilevanti. |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istat Membru li jieħu l-miżura ***korrettiva jew restrittiva*** għandu jindika jekk ir-riskju jew in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal dawn li ġejjin: | 2. L-Istat Membru li jieħu l-miżura għandu jindika jekk ir-riskju jew in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal dawn li ġejjin: |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jieħu ***l-miżuri korrettivi jew restrittivi*** għandhom jinformaw ***lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn,*** fi żmien xahar wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ***dwar kwalunkwe miżura korrettiva jew restrittiva*** li jkunu adottaw u dwar kwalunkwe informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nuqqas ta' konformità jew mar-riskju tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, kif ukoll, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, ***tal-oġġezzjonijiet*** tagħhom. | 3. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jieħu ***miżuri*** għandhom jinformaw fi żmien xahar wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ***lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe miżura*** li jkunu adottaw u dwar kwalunkwe informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nuqqas ta' konformità jew mar-riskju tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat, kif ukoll, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, ***dwar l-oġġezzjonijiet*** tagħhom. |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta, fi żmien ***3*** xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura nazzjonali nnotifikata, l-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri ***korrettivi jew*** | 4. Meta, fi żmien ***tliet*** xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura nazzjonali nnotifikata, l-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri simili mingħajr |

| | |
|---|---|
| ***restrittivi*** simili mingħajr dewmien fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat. | dewmien fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq ikkonċernat. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 33 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Abbażi tal-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi dwar miżuri ***korrettivi jew restrittivi*** armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(2). | 6. Abbażi tal-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddeċiedi dwar miżuri armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(2). |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-utenti l-informazzjoni rilevanti kollha u l-istruzzjonijiet meħtieġa li jiddeskrivu kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni marbuta mal-użu ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq. | 2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-utenti l-informazzjoni rilevanti kollha u l-istruzzjonijiet meħtieġa li jiddeskrivu kwalunkwe kundizzjoni jew restrizzjoni marbuta mal-użu ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq. ***L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jipprovdu gwida dwar l-informazzjoni minima u l-istruzzjonijiet li jeħtieġ li jkunu disponibbli.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi pprovduta fil-manwal tal-operatur għall-użu fit-triq. | 3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi pprovduta fil-manwal tal-operatur għall-użu fit-triq***, jew bħala parti separata tal-istruzzjonijiet l-oħra tal-operatur***. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) f'format stampat jew elettroniku. | (b) f'format stampat jew ***f'format*** elettroniku ***faċilment aċċessibbli***. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 34 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-manwal tal-operatur jiġi pprovdut f'format elettroniku, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni ***f'format stampat jew fuq karta*** dwar kif għandu jiġi aċċessat jew jinstab dak il-manwal, bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-makkinarju mobbli mhux tat-triq għandu jitqiegħed fis-suq, jiġi rreġistrat jew ***imdaħħal*** fis-servizz. | Meta l-manwal tal-operatur jiġi pprovdut f'format elettroniku, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar kif għandu jiġi aċċessat jew jinstab dak il-manwal, bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-makkinarju mobbli mhux tat-triq għandu jitqiegħed fis-suq, jiġi rreġistrat jew ***jiddaħħal*** fis-servizz. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 35 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Servizz tekniku u l-persunal tiegħu għandhom ***iwettqu*** l-kategoriji ta' | 6. Servizz tekniku u l-persunal tiegħu għandhom ***ikunu indipendenti u jwettqu*** l- |

| | |
|---|---|
| attivitajiet li għalihom ikunu nħatru bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u ***inċentiv***, ***partikolarment*** finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom, speċjalment tali pressjonijiet jew inċentivi li ***joħorġu*** minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet. | kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u ***inċentivi***, ***b'mod partikolari dawk*** finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom, speċjalment tali pressjonijiet jew inċentivi li ***jkunu ġejjin*** minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 40 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni li juri li s-servizz tekniku kandidat ***ikun ġie vvalutat*** għall-konformità ***tiegħu*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Dak ir-rapport jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn korp ta' akkreditament. | 1. L-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tfassal rapport ta' valutazzjoni li juri li s-servizz tekniku kandidat ***u, meta rilevanti, kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, ikunu ġew ivvalutati*** għall-konformità ***tagħhom*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Dak ir-rapport jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minn korp ta' akkreditament. |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(5), fl-Artikolu 15(2), fl-Artikolu 21(9), fl-Artikolu 22(6) u fl-Artikolu 39 qabel ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.]*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull meta jkun ***xieraq***, is-servizzi tekniċi, ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-industrija u tal-operaturi ekonomiċi rilevanti, kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati involuti fi kwistjonijiet ta' sikurezza, ***jistgħu*** jiġu mistiedna bħala osservaturi għall-Forum f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 6. | Kull meta jkun ***rilevanti***, is-servizzi tekniċi, ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-industrija u tal-operaturi ekonomiċi rilevanti, kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati involuti fi kwistjonijiet ta' sikurezza ***relatati maċ-ċirkolazzjoni fit-toroq***, ***għandhom*** jiġu mistiedna bħala osservaturi għall-Forum f'konformità mar-regoli ta' proċedura msemmija fil-paragrafu 6. |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Minn [id-data tad-dħul fis-seħħ], l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal makkinarju mobbli mhux tat-triq ġdid, jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni, jew id-dħul fis-servizz ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq ġdid meta dan ikun f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, jekk manifattur jitlob dan.*** |

# NOTA SPJEGATTIVA

## 1. Kuntest

Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal regolament dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020. Il-makkinarju mobbli jaf ikollu bżonn, kemm jekk okkażjonalment jew spiss, jiċċirkola fit-toroq pubbliċi, l-aktar biex jiċċaqlaq minn post tax-xogħol għal ieħor. Fl-għan tal-Kummissjoni hemm il-makkinarju mobbli mhux tat-triq użat, fost affarijiet oħra, għall-kostruzzjoni, għall-agrikoltura, għall-ġonna, għall-forestrija, għal xogħol muniċipali jew għat-tqandil tal-materjal (pereżempju magni li jaħsdu, bexxiexi, magni għat-tagħbija, skavaturi, krejnijiet mobbli, magni li jintrikbu għall-qtugħ tal-ħaxix, forklifts, telehandlers, magni kenniesa, pjattaformi għall-irfigħ jew makkinarju għat-tindif tal-borra). Din il-proposta timmira li timla lakuna fis-suq uniku, li din is-sena jiċċelebra t-30 anniversarju tiegħu, għal dan il-makkinarju mobbli mhux tat-triq billi tintroduċi approvazzjoni tat-tip għall-UE kollha għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq.

## 2. Abbozz ta' rapport

Ir-rapporteur isostni bis-sħiħ l-objettivi ġenerali tar-regolament propost, jiġifieri l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tar-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, l-iżgurar ta' livell għoli ta' sikurezza fit-toroq u l-eliminazzjoni tal-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' tali makkinarju fis-suq uniku tal-UE billi tonqos il-frammentazzjoni. Ir-rapporteur huwa konvint li r-regolament propost għandu l-potenzjal sħiħ li jikseb dawn l-objettivi kollha. Bi qbil mal-proposti tal-Kummissjoni, ir-rapporteur irid jagħmel l-approvazzjoni tat-tip aktar sempliċi u aktar armonizzata fl-Unjoni Ewropea, mingħajr ma jgħabbi lill-manifatturi b'obbligi u bi prattiki amministrattivi addizzjonali bla bżonn. Ir-rapporteur huwa konvint li permezz ta' dan ir-regolament nistgħu niksbu livell għoli ta' sikurezza fl-Unjoni Ewropea kollha meta dawn il-magni jiċċirkolaw fit-toroq.

B'dawn l-objettivi quddiem għajnejh u bil-għan li jtejjeb it-test, ir-rapporteur jipproponi sitt bidliet ewlenin fit-test:

**I. Kamp ta' applikazzjoni ċar (Art. 2):** ir-rapporteur jidhirlu li l-makkinarju mobbli mhux tat-triq maħsub għall-attivitajiet ta' ttestjar fuq il-post li jsiru mill-manifattur, inerenti għall-proċess tal-iżvilupp tal-magni, għandu jinżamm barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament. Barra minn hekk, ir-rapporteur jissuġġerixxi xi lingwaġġ ċar dwar ir-regoli għall-approvazzjonijiet ta' serje żgħira u individwali, li għalihom il-manifatturi, anki wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, xorta għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu bejn approvazzjoni tat-tip nazzjonali jew tal-UE.

**II. Definizzjoni usa' ta' "tip" u "varjant" (Art. 3):** ir-rapporteur jipproponi li jagħmel id-definizzjoni ta' *tip ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq* u ta' *varjant* anqas stretti, sabiex titħalla aktar flessibbiltà biex jiġu aġevolati volumi żgħar u biex il-manifatturi jkollhom aktar magni simili ħafna b'approvazzjoni tat-tip tal-UE taħt l-istess tip jew varjant.

**III. Tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn mar-Regolament dwar il-Makkinarju u l-Prodotti relatati (Art. 3 u Art. 15):** ir-rapporteur huwa konvint li dan ir-regolament dwar il-makkinarju mobbli mhux tat-triq ma għandux ikollu affarijiet simili għal dawk fir-Regolament dwar il-Makkinarju u l-Prodotti relatati li jmiss. Kemm f'termini ta' riskji gravi, li għandhom ikunu marbuta b'mod ċar maċ-ċirkolazzjoni fit-toroq pubbliċi, kif ukoll f'termini ta' rekwiżiti tekniċi, li minnhom uħud diġà huma koperti biżżejjed mir-Regolament dwar il-Makkinarju u l-Prodotti relatati.

**IV. Żmien meħtieġ itwal u armonizzat għall-validità tat-tipi eżistenti (Art. 16):** ir-rapporteur isostni l-introduzzjoni ta' żmien meħtieġ armonizzat għall-validità tat-tipi eżistenti meta jiġu introdotti rekwiżiti ġodda fil-livell tal-UE. Madankollu, fil-każ tal-magni staġjonali, bħall-makkinarju agrikolu speċifiku, il-perjodu ta' 18-il xahar fil-proposta għal regolament għandu jiġi estiż għal 24 xahar. Dan diġà hu t-tmiem tal-perjodu ta' żmien tas-serje mogħti għat-tratturi u huwa ġġustifikat mill-fatt li r-rekwiżiti l-ġodda għandhom bżonn minimu ta' żewġ staġuni biex jiġu ttestjati u vvalidati.

**V. Aċċettazzjoni obbligatorja tal-approvazzjoni ta' arranġamenti tal-produzzjoni adegwati (Art. 22):** filwaqt li l-Kummissjoni, għall-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni tobbliga biss lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħra, ir-rapporteur huwa konvint li l-approvazzjoni li ssir minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li tkun aċċettata mill-Istati Membri l-oħra taħt l-istess kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni f'att delegat.

**VI. Involviment tal-partijiet industrijali kkonċernati (Art. 46 u Art. 49):** ir-rapporteur jidhirlu li hemm bżonn involviment aktar b'saħħtu min-naħa tal-industrija. Għaldaqstant, kemm fil-proċedura ta' kumitat kif ukoll fil-forum li għadu kemm ġie stabbilit, ir-rapporteur saħħaħ il-lingwaġġ dwar l-involviment tal-partijiet industrijali kkonċernati li jkunu ġejjin mis-setturi rilevanti kollha.

**3. Konklużjonijiet**

Filwaqt li d-diskussjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq ilhom is-snin (sic) suġġett tad-dibattitu bejn il-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni Ewropea, ir-rapporteur huwa kuntent li din il-proposta eċċellenti sa fl-aħħar tinsab fuq l-aġenda. Ir-rapporteur huwa fiduċjuż li l-Istati Membri se jilqgħuha u jikkontribwixxu aktar għall-approfondiment tas-suq intern għal dawn il-magni.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Belgian Mission to the EU |
| CECE - Committee for European Construction Equipment |
| AVR |
| CEMA - European Agricultural Machinery Industry Association |
| AGORIA |
| EUnited aisbl - European Engineering Industries Association |
| ETUC - European Trade Union Confederation |
| FEM aisbl - European Materials Handling Federation |
| Regulatory Institute ASBL |
| Permanent Representation of the Kingdom of the Netherlands to the European Union |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li jiċċirkola fit-toroq pubbliċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 |
| **Referenzi** | COM(2023)0178 – C9-0120/2023 – 2023/0090(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 30.3.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>17.4.2023 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>17.4.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ENVI<br>27.4.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Tom Vandenkendelaere<br>24.5.2023 |
| **Eżami fil-kumitat** | 17.7.2023 9.10.2023 25.10.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Laura Ballarín Cereza, Alessandra Basso, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Sandro Gozi, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Włodzimierz Karpiński, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Francisco Guerreiro, Ivars Ijabs, Kosma Złotowski, Marco Zullo |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, Petar Vitanov, Stefania Zambelli |
| **Data tat-tressiq** | 1.12.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 38 | + |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek, Kosma Złotowski |
| ID | Alessandra Basso, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |
| NI | Miroslav Radačovský |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Włodzimierz Karpiński, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann, Stefania Zambelli |
| Renew | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoş, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Ivars Ijabs, Marco Zullo |
| S&D | João Albuquerque, Laura Ballarín Cereza, Biljana Borzan, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose, Petar Vitanov |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Francisco Guerreiro, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 2 | - |
|---|---|
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni